**310. Il-Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Ġustizzja u l-Intern jipproponi din ir-Riżoluzzjoni:-**

Illi l-Kamra tapprova r-Riżoluzzjoni li ġejja liema Riżoluzzjoni tikkonsisti f'Dokumenti "A", "B", "C", "D" u "E".

Dokument "A"

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta bi ħsiebu jagħti b'ċens lis-Soċjeta' tal- M.U.S.E.U.M. art fi Triq Cassino, Pembroke, kif inhi deskritta aħjar fl-abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien, biċ-ċens u taħt il-kundizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Kapitolu 268 Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjeta' tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment;

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-art fi Triq Cassino,Pembroke, kif deskritta aħjar fl-abbozz tal-ftehim li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tiġi mogħtija b'ċens lis-Soċjeta tal-M.U.S.E.U.M., għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozz.

Dokument "B"

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta bi ħsiebu jagħti b'ċens lil Assoċjazzjoni ta' l-iScouts ta' Malta proprjeta' fi Triq il-Kappillan Gwann Azzopardi OC, Santa Venera, kif inhi deskritta aħjar fl-abbozz ta' ftehim imqieg]ed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien, biċ-ċens u taħt il-kundizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Kapitolu 268 Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjeta' tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment;

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-proprjeta' fi Triq il-Kappillan Gwann Azzopardi OC, Santa Venera, kif deskritta aħjar fl-abbozz tal-ftehim li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tiġi mogħtija b'ċens lil-Assoċjazzjoni ta' l-iScouts ta' Malta, għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozz.

Dokument "C"

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta bi ħsiebu jagħti b'kera lil Assoċjazzjoni ta' l-iScouts ta' Malta il-kmamar fis-sur f'Bieb iż-Żejtun, Bormla, kif inhuma deskritti aħjar fl-abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien, bil-kera u taħt il-kundizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Kapitolu 268 Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjeta' tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment;

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-kmamar fis-sur f'Bieb iż-Żejtun, Bormla, kif deskritti aħjar fl-abbozz tal-ftehim li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra jiġu mogħtija b'kera lil Assoċjazzjoni ta' l-iScouts ta' Malta, għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozz.

Dokument "D"

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta bi ħsiebu jagħti b'ċens lil Assoċjazzjoni ta' l-iScouts ta' Malta, biċċa art fi Triq Rudolf Saliba, Rabat Malta, kif inhi deskritta aħjar fl-abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien, biċ-ċens u taħt il-kundizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Kapitolu 268 Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjeta' tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment;

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-art fi Triq Rudolf Saliba, Rabat Malta, kif deskritta aħjar fl-abbozz tal-ftehim li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tiġi mogħtija b'ċens lil Assoċjazzjoni ta' l-iScouts ta' Malta, għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozz.

Dokument "E"

Billi l-Gvern tar-Repubbblika ta' Malta bi ħsiebu jagħti b'kera lil Floriana Footbal Club il-fondi numri 52 u 53 f'Blokk V, Triq Sant'Anna, Floriana kif inhuma deskritti aħjar fl-abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien, bil-kera u taħt il-kundizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Kapitolu 268 Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjeta' tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment;

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-fondi numri 52 u 53, f'Blokk V, Triq Sant'Anna, Floriana, kif deskritti aħjar fl-abbozz tal-ftehim li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra jiġu mogħtija b'kera lil Floriana Football Club, għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozz.

12.10.2007